MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 374/2010

**Carmelo sive Lino Farrugia proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Jarrow Limited**

**Vs**

**Carmelo Penza**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-attur, wara li qal:

Illi ai termini ta’ skrittura privata datata 3 ta’ Dicembru, 2007, l-attur silef lill-konvenut is-somma ta’ erbgha u tletin elf disa’ mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€34,940.60) ossija hmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000);

Illi din is-somma kellha tithallas lura lill-attur sa nhar it-3 ta' Gunju, 2008;

Illi l-partijiet kienu qablu, ai termini tal-iskrittura surreferita, illi l-imghax dekorribbli kellu jkun dak ta' tmienja fil-mija (8%) per annum;

Illi s-self sar permezz ta' cekk tal-kumpanija ta' l-attur, u senjatament Jarrow Limited;

Illi minkejja li gie debitament interpellat, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Mejju, 2009, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi safejn jaf l-esponenti, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq;

Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur pro et noe fl-ammont ta' erbgha u tletin elf disa' mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€34,940.60);

3. tikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attur pro et noe l-ammont ta' erbgha u tletin elf disa' mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€34,940.60), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata, ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghall-konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------